MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Citazzjoni Numru. 180/2000/1

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur fejn wara li ppremetta illi b'digriet tat-3 ta' Gunju 1999, dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug provvizorju ta' mandat ta' inibizzjoni numru 63/1999 fl-ismijiet "Eugene Bajada vs Angelo Debrincat et", li bih il-konvenut flimkien ma' ohrajn gie inibit provvizorjament u sakemm jinghata digriet finali milli sia personalment kif ukoll permezz ta' terza persuni, jipprova jghaddi minn fuq raba' proprjeta' tar-rikorrenti maghrufa bhala "Ta' Zaghwi" fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex li tmiss nofsinhar ma' triq, tramuntana ma' beni tal-familja Bajada u punent ma' beni ta' Giorgia Vella u Angelo Debrincat, inkluz il-passagg bir-rigel fuq in-naha tan-nofs inhar ossia lbic tar-raba ta' l-attur, liema passagg kien mifrud mir-raba attigwa b'hajt tas-sejjiegh illi a sua volta twaqqa' minn xi hadd mhux maghruf izda probbabilment xi hadd mill-istess intimati, liema digriet qed jigi hawn anness u markat Dok A.

Illi dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti permezz ta’ digriet fit-8 ta’ Gunju 2000 u ordnat il-hrug ta’ l-opportun Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimati fir-rikors imsemmi, inkluz il-konvenut odjern, liema digriet qed jigi hawn anness u markat Dok B.

Illi permezz ta’ rikors tad-19 ta’ Mejju 2000 l-imsemmi Eugene Bajada fil-waqt illi ghamel referenza ghad-digriet sureferit, ippremetta fost l-ohrajn illi fit-18 ta’ Mejju 2000, il-konvenut Angelo Calleja ghall-habta tas-2.30pm ghadda minn fuq ir-raba ta’ l-esponenti bi tractor proprju sabiex jisfida l-ordni tal-Qorti u talab illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-Registratur tal-Qorti jipprocedi b’kawza kontra l-imsemmi Angelo Calleja ghad-disprezz imwettaq minnu lejn l-awtorita’ taghha, liema rikors qed jigi hawn anness u markat dok C.

Illi b’digriet tas-17 ta’ Lulju 2000 hawn anness u markat Dok D dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghall-proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u ghalhekk ordnat li jittiehdu proceduri ta' diisprezz lejn l-awtorita’ ta’ dina l-Onroabbli Qorti fil-konfront tal-konvenut Angelo Calleja.

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Talab lil din il-Qorti:

1. issib lill-konvenut hati ta’ disprezz ghall-awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12; u

2. tikkundannah ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrix huwa jista’ jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

B’talba minn issa ghall-allegazzjoni ta’ l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 63/99 ma’ l-atti ta’ dina l-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Angelo Calleja fejn eccepixxa:

1. In linea preliminari l-illegittimita’ ta’ l-attur billi f’din il-kawza kellha tharrek il-Qorti u mhux ir-Registratur tal-Qrati Superjuri, liema Registratur kellhu biss ir-responsabbilita’ li jassigura li jitmexxew u li jigu istitwiti l-proceduri ta’ disprezz ordnati mill-Qorti kontra l-eccipjenti u li a kura tieghu tigi pprezentata l-kawza fir-Registru izda mhux li jharrek f’ismu. Taqa’ taht ir-responsabbilita’ diretta tieghu r-registru tal-Qorti u l-ufficjali ta’ l-istess registru izda mhux il-Qorti li hija awtorita’ sui generis.

2. Illi in linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-inkostituzzjonalita’ tal-proceduri odjerni billi tali procediment jilledi d-drittijiet sanciti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li tifforma parti mil-Ligi ta’ Malta bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta’ l-Att Numru XIV ta’ l-1987, u dan kif gie deciz mill-Qorti ta’ l-Appell Sede Kostituzzjonali fil-kawza “Il-Qorti vs Angelo Pace” deciza fis-7 ta’ Dicembru 1990. Konsegwentement il-procediment odjern huwa null u bla effett u l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Ill fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ma ghamel xejn li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti, anzi kienet il-Qorti li bl-ordnijiet taghha poggiet lill-eccipjent fl-impossibilita’ fizika u f’posizzjoni li ma jistax ikollu access fiziku u materjali ghal gol-ghalqa tieghu li m’ghandhiex hrug fuq it-triq pubblika, liema jekk ta’ moghdija johrog mil-Ligi;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament guramentata u l-lista tax-xhieda flimkien ma' l-istess eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tal-25 ta' Jannar 2001 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat is-sentenza taghha tal-5 ta' Settembru 2002 fejn iddisponiet mit-tieni eccezzjoni.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hi sentenza fuq il-meritu li tinvesti t-tielet eccezzjoni tal-konvenut. F'din l-eccezzjoni l-konvenut ecepixxa li hu ma ghamel xejn li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Zied pero' jiggustifika li "kienet il-Qorti li bl-ordnijiet taghha poggiet lill-eccipjent fl-impossibilita' fizika u f'posizzjoni li ma jistax ikollu access fiziku u materjali ghal gol-ghalqa tieghu li m'ghandhiex hrug fuq it-triq pubblika, liema dritt ta' moghdija johrog mill-ligi". Ghalhekk anke mit-termini ta' din l-eccezzjoni tieghu huwa intuwibbli li l-misfatt, li hu ghadda minn fuq raba tal-attur kontra l-ordni, huwa minnu. Issa fil-kuntest tal-'ordni' imsemmija ma jidhirx li hu kontestat li l-konvenut kien gie inibit li kemm personalment kif ukoll permezz ta' terzi jghaddi minn fuq raba proprjeta' tal-esponenti maghrufa bhala "Ta' Zaghawi" fil-limiti ta' Munxar, Ghawdex, tmiss nofsinhar ma' triq, tramuntana ma' beni tal-familja Bajada u punent ma' beni ta' Georgia Vella u Angelo Debrincat. Mill-atti stess, senjatament mill-kopja legali tax-xhieda ta' certu George Gatt u Eugene Bajada moghtija fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 63/99, riferibbilment ghall-odjern konvenut, li fl-ebda stadju ma kontradixxiha jew opponiha, jirrizulta li f'Mejju tas-sena 2000, hu ghadda permezz ta' trattur mill-ghalqa meta kien ipprojibit li jghaddi minn fuqha; fatt, del resto, li hu minnhu accettat kif jinsab verbalizzat mill-Avukat tieghu fl-udjenza tas-6 ta' Gunju ta' din is-sena.

Illi l-proceduri odjerni jittrattaw “disprezz” u huma regolati taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Procedura Civili. Huma intizi bhala reati u bhala tali ghandhom jigu gudikati. Hekk fil-fatt spiega l-Appell Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta’ Dicembru 1990 fejn irriteniet li kawzi ta’ disprezz huma ‘criminal charge’ u ghalhekk il-proceduri ghandhom jigu kunsidrati bhala ‘criminal charge’; “hekk huma minn natura taghhom kif deskritti fil-Kodici, liema Kodici jiddixiplinahom b’pieni li huma provduti fil-Kodici Kriminali li ghalih issir, fl-istess artikoli, riferenza kostanti”, kif jiddimostra l-Artikolu 997 (Kap 12) li jistqarr li “kull persuna hatja ta’ xi ghemil jew nuqqas mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan it-Titolu illi jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti, tigi mill-Imhallef jew Magistrat moghtija l-piena ta’ l-ammenda, jew tal-multa jew tad-detenzjoni”.

Illi fil-kawza in disamina jirrisulta wisq car il-misfatt ossija r-reat tal-konvenut li, kienet x’kienet il-gustifikazzjoni, kiser l-ordni impost fuqu. Ta’ dan ghandu jirrispondi.

Konsegwentement, wara li l-Qorti rat l-Artikolu 997 tal-Kap 12, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) multa oltre l-ispejjez tal-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------